**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**Distrett Qormi**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Johnaton Abela**

**Illum 5 ta' Marzu 2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet mressqa fil-konfront ta' Johnaton Abela detentur tal-karta ta' l-identita' numru 376185M fejn gie akkuzat :

*Talli f' 30.04.2018 ghall-habta ta' 14.45 hrs waqt li kont gewwa fi Triq l-Gharghar 1979 Hal-Qormi*

*1)hebbejt ghal Rita Bonnici u Joseph Zammit u kkagunajthilhom offza ta' natura hafifa skond ma ccertifikat minn Dr F Dalli Reg 3358 at Q/H/C;*

*2)B' nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fil-professjoni tieghek jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti ikkagunajt hsara jew gharraqt xi haga ghad-dannu ta' Joseph Zammit;*

*3) u aktar talli volontarjament ksirt il-bon ordni u l-paci pubblika b' ghajjat u glied.*

*Il-Qorti hija mitluba li f' kaz ta' htija tapplika l-Art 383 tal-Kap 9.*

Rat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Semghet trattazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza, kif ukoll tal-kawzi Il-Pulizija vs Eric James Bonnici et u Il-Pulizija vs Rita Bonnici et, stante li l-provi f'dawn il-kawzi, jghoddu wkoll ghal din il-kawza, ai termini ta' dak ivverbalizzat u ordnat minn din il-Qorti, fid-19 ta' Settembru, 2019.

**Ikkunsidrat ;**

**<u>Xhieda prodotti</u>**

**WPS 161** T Camilleri pprezentat affidavit fejn spjegat li fit-30 ta' April 2018, ghal habta ta' 14.45 hrs, ircivew telefonata li kien hemm glieda fi Triq l-Gharghar, Qormi. X'hin marret fuq il-post flimkien ma' PC 1532, PC 1397, PC 1329 u PC 1475, sabu lil Rita Bonnici flimkien ma' missierha, Joseph Zammit, kienu waslu biz-zewgt itfal mill-iskola, u Joseph kien qed jipparkja l-vettura tieghu. Spjegat li dawn qalulhom li meta kien qed jipparkja, ghaddiet vettura b'numru ta' registrazzjoni 'Marcelle', u l-passiggier Johnaton Abela, offenda lil Rita. Spjegaat li Rita qaltlu biex jaghtihom cans jipparkjaw ghax kien hemm it-tfal zghar. Kompliet tghid li giet infurmata li x-xufier tal-vettura, Marcelle Abela, qalet li ma kinitx rat tfal fil-karozza. Spjegat li Joseph Zammit qal li Johnaton hareg ghalih, u qatghalu c-cinga tal-arlogg, filwaqt li Marcelle qalet li Rita haditilha c-cwievet u n-nuccali, u li c-cwievet kienu ghadhom f'idejn Rita. Peress li kien waqa' l-bakset, ic-cwievet kienu gew migbura minn omm Rita, certa Frances Zammit, u wara nghataw lura lil Marcelle. Spjegat li gie mitkellem Johnaton Abela, flimkien ma' ommu, fejn spjegaw li Marcelle kienet qed issuq u l-vettura misjuqa minn Joseph Zammit (numru ta' registrazzjoni HAT 492) kienet qed tirriversja biex tidhol fil-*parking*. Spjegat li din il-vettura kienet angolata.

Spjegat li Abela spjegaw li kif ghaddew bil-mod, Joseph ghamel sinjal lil Johnaton mit-tieqa, u huma waqfu, fejn Joseph qal li kien hemm it-tfal ha jaqsmu t-triq. Spjegat li dawn qalu li Johnaton ra t-tifel li kien fuq in-naha ta' gewwa hdejn ir-*railing,* u ma ndunax li kienu ser jaqsmu peress li kienu fuq in-naha ta' gewwa. Spjegat li dawn komplew jispjegaw li gew Rita u Frances mat-tieqa ta' Johnaton, u bdew jirrabbjaw maghhom, u Frances tat lil Johnaton Abela, b'idejha catta mal-hgieg tieghu. Kompliet tghid li dawn qalu li f'dak il-hin, Marcelle harget mill-vettura u dawn daru ghaliha. Spjegat li qalu li Joseph Zammit zamm il-bieba, u ghamel ponn ghal Johnaton, filwaqt li Johnaton zamm lil ommu biex ma jkomplux jaghtuha. L-affidavit ikompli bil-verzjoni moghtija minn Abela, li t-tifel, Eric James Bonnici, hataf lil Johnaton minn ghonqu, u ma hallihx jinqala' minn mieghu, u li wara Eric ikkalmahom. Ikompli li Johnaton staqsa lil Eric biex jara jekk ittiehdux ic-cwievet u n-nuccalijiet, u ftit wara harget Frances bihom, u bdiet tghajjat ghal darb' ohra, u nsulenta lil Johnaton, filwaqt li Joseph kien ser jerga' jhebb ghal Johnaton, izda gie mizmum minn Eric.

Kompliet tghid li meta giet mitkellma Frances Zammit, din qalet li kif waslu bil-karozza u kienu qed jipparkjaw biex inizzlu lit-tfal, ghaddiet karozza bajda u baqa' ghaddej. Spjegat li din qalet kif mhux jara lit-tifel, u Johnaton offendiha u x'hin qaltlu biex iqies kif jitkellem quddiem it-tfal, dan Johnaton hareg ghal Joseph. Spjegat li din qalet li gabret l-affarijiet minn mal-art ghax ma kinitx taf ezatt ta' min huma, u wara ftit, tathom kollox lura. Gie mitkellem Eric James Bonnici li spjega li gie rraportat li qal li peress li ra lil ommu Rita kienet se taqla' daqqa ta' ponn, huwa mar qabad lil Johnaton minn ghonqu.

Fl-affidavit hemm spjegat li gew ipprezentati zewg certifikati medici minghand Rita Bonnici u Joseph Zammit, u zewg certifikati ohra minghand Marcelle Abela u Johnaton Abela. Spjegat li Joseph Zammit ipprezenta stima tal-arlogg li tammonta ghal €70, u stima tal-hsarat tal-vettura tieghu li tammonta ghal €350 +VAT.

**Rita Bonnici** xehdet li missierha kien qed jipparkja ghax kien ghadu kemm waslu mill-iskola bit-tfal. Spjegat li missierha kien qed jirriversja. Giet Marcelle Abela ssuq il-karozza b'Dr Johnaton Abela bilqeghda fis-*seat* tal-passiggier. Din bdiet iddoqq il-horn, u ma tatx cans, u in fatti, binha kien ser jaqsam in-naha ta' quddiem. Qalet li hija kienet bilqeghda fuq wara bit-tifel iz-zghir. Spjegat li Marcelle Abela ma tathomx cans, u huma bdew jghidulha biex taghti cans. Qalet li rat lit-tifel jingibed lura ghax inhasad, u hi nizlet mill-karozza, u marret man-naha ta' Dottor Johnaton Abela. Dak il-hin nizzel it-tieqa u hija qaltlu li setghu taw ftit cans. Qalet li dak il-

hin, dawn bdew jghajjtu, u li ntqal kliem pastaz fil-konfront taghha. Spjegat li hi kellha lit-tifel zghir maghha, u qaltilhom biex jitkellmu b'mod dicenti quddiem it-tfal.

Kompliet tghid li Dr Johnaton Abela hareg mill-karozza, imbuttaha u refa' jdejh fuqha. Qalet li dan taha daqqa go wiccha wkoll, u li Marcelle Abela gibditha minn idejha. Spjegat li dak il-hin, kien hemm Eric James Bonnici li kien qieghed barra ghax nesa c-cwievet, u x'hin ra lil Abela jerfa' jdejh fuqha, huwa hareg jigri. Kompliet tghid li Marcelle Abela bdiet tghid li ma setghetx issib ic-cwievet, u li bdiet titkellem bi kliem baxx. Qalet li rat lit-tifel zghir taghha mal-art, ghax bil-fixkla li kellha fuqha, waqqghet lit-tifel taghha mal-art. Kien ghalhekk li hi cemplet ghall-assistenza tal-Pulizija. Qalet li dak il-hin, Dr Johnaton Abela qalilha biex iccempel lil min trid, ghax hu avukat. Spjegat li Eric James Bonnici mar minn wara, u ressaq lil Dr. Abela, u qallu li lil ommu hadd ma jmissha.

In kontroezami, hija spjegat li l-vettura misjuqa minn missierha, kienet qed tigi pparkjata b'manuvra fejn kienet qed tirriversja lura biex tidhol fil-*parking space*. Spjegat li wiehed mit-tfal kien hareg qabel, ghax inkella ma tkunx tista tohrog, izda dan ghadda minn quddiem il-vettura. Sostniet li hija l-ewwel wiehed li rat ma' wiccha, kien Dr Johnaton Abela. Spjegat li hi ma tafx fejn kienu c-cwievet, imma semghet lil Marcelle Abela ssemmi fejn huma c-cwievet.

In riezami, hija spjegat li dan kollu gara fit-30 ta' April. Dan kien l-uniku incident li kellhom mas-sinjuri.

**Joseph Zammit** xehed li kien qed jipparkja l-karozza, u karozza bajda ma tatux cans. Huwa beda jghid biex taghtih cans, u Dr Johnaton Abela nizzel it-tieqa u offenda lil bintu. Imbaghad wara, nizel ghal bintu u qabad jaghtiha. Spjega li huwa pprova jinzel biex izzommlu jdejh. Huwa sostna li huwa pprova jzommlu idejh, izda ma lahhaqx mieghu, u Dr Abela waddbu mal-karozza tieghu, tefaghlu l-arlogg, u ghamillu marki mal-karozza tieghu. Spjega li huwa wegga' dahru.

In kontroezami, huwa sostna li ghandu zewg bibien tan-naha tas-sewwieq u tal-passiggier fil-karozza li gew mghattnin. Sostna li huwa wera din il-hsara lill-Pulizija dakinhar tal-incident. Sostna li huwa beda jfittex in-nuccali ta' Dr Abela, u dan instab. Ic-cwievet kienu ngabru bi zball mill-mara, u mbaghad nghataw lura. Qal li l-arlogg tieghu sabu taht il-karozza. Spjega li huwa kien qed jghajjat biex jaghtuh

cans jipparkja. Huwa sostna li nesa f'liema id wegga'. Qal ukoll li jahseb li Marcelle Abela tatu bic-cwievet. Huwa kkonferma li jilbes l-arlogg f'idu x-xellugija.

**Eric James Bonnici** xehed li huwa ghandu 18-il sena. Huwa kien imsakkar barra l-*flat* ghax nesa c-cwievet u sema' l-ghajjat. Huwa kien fil-*common parts* quddiem il-*flat* taghhom. Qal li huwa nizel isfel u ra lil Dr. Johnaton Abela jerfa' idejh fuq ommu. Qal li nannuh ma kienx irnexxielu jiddefendiha, u ghalhekk mar hu, u ressaq lil Dr. Abela lura. Imbaghad is-sitwazzjoni kkalmat. Spjega li Marcelle Abela bdiet tfittex ic-cwievet. Sostna li nanntu kienet gabret in-nuccali ta' Dr. Johnaton Abela, ghax hasbet li kien in-nuccali tieghu. Huwa jaf cert li ra lil Dr. Abela jaghti daqqa ta' ponn lil ommu f'wiccha. Spjega li huwa ma jafx fejn kienu l-ohrajn ghaliex huwa kien qed ihares lejn dak li qed jigri lil ommu.

**Francesca Zammit** xehdet li hija ma tiftakar xejn.

**Johnaton Abela** xehed li fit-30 ta' April 2018, ghal habta tat-tlieta neqsin kwart, qal li giet tigbru ommu, u kellu xi qadjiet f'Hal Qormi. Huwa spjega li ghaggla ma kellhomx. Sostna li huma raw vettura qieghda tipparkja, u s-sewwieq beda jaghmel sinjali biex tisslowja. Spjega li huwa haseb li kien gralhom xi haga, u ghalhekk saqu ghal fejnhom u nizzel it-tieqa. Spjega li Rita Bonnici bdiet tghidilhom kif ma rawx it-tifel. Spjega li huwa hares madwaru, izda ra li t-tifel kien ferm 'il boghod. Spjega li ommu qalet lil Rita li kien ahjar tiehu hsieb lit-tifel, u dawn qabdu jghajjtu. Spjega li huwa tella' t-tieqa, izda f'daqqa wahda, Francesca Zammit harget minn gol-karozza u bdiet issabbat mat-tieqa ta' wara tan-naha tal-passiggier, u bdiet riesqa lejn il-bieba tieghu. Spjega li harget ukoll Rita Bonnici, u dawn qabdu jghajjtu, filwaqt li huwa kien ghadu bit-tieqa mtella'. Spjega li ommu harget min-naha tas-sewwieq u giet fuq wara tal-karozza, u mill-mera tal-karozza, seta' jara li Francesca Zammit u Rita Bonnici kienu daru fuq ommu, u bdew jaghtuha. Spjega li tefghuha daharha mal-karozza.

Spjega li Joseph Zammit hareg minn gol-karozza u ntefghalu mal-bieba biex huwa ma jkunx jista' johrog jghin lil ommu. Qal li b'xi mod, irnexxielu jiftah il-bieba u ntefa' wiccu lejn ommu, idejh mal-karozza. Qal li Joseph Zammit beda jaghtih fuq dahru. Spjega li f'hin minnhom johrog it-tifel, u granfah minn ghonqu. Spjega li Joseph Zammit baqa' jaghtih. Spjega li l-guvnott zghir, imbaghad beda jwarrab lil nannuh. Spjega li Rita Bonnici bdiet imbaghad izzomm lil missierha, u l-affari qisha kkalmat, izda mbaghad induna li huwa ma kellux nuccali, u ommu la kellha n-nuccali

u lanqas ic-cwievet tal-karozza. Spjega li huwa kien talab lill-guvnott biex igiblu ic-cwievet. Spjega li mbaghad tfaccat Francesca Zammit bic-cwievet. Spjega li iktar tard, Francesca Zammit harget bin-nuccalijiet. Spjega li meta Joseph Zammit sar jaf li huwa kien avukat, beda jinsulentah, u rega' gie bil-ponn ma' wiccu, filwaqt li l-guvnott baqa' jzommu. Spjega li meta tkellmu mal-Pulizija, Joseph Zammit beda jghid li kellu xi hsarat mal-karozza, izda huwa cahad li ghamel xi hsarat lill-vettura. Spjega li anke l-Pulizija beda jmerih u jistaqsih dwar fejn hi d-daqqa. Sostna li huwa ma ghandhux dwiefer, u huwa mpossibbli li jigref.

In kontroezami, huwa kkonferma li pprova jiftah il-bieba, imma Joseph Zammit kien qed izommlu l-bieba. Spjega li z-zewg nisa kienu qed jiggieldu ma' ommu. Spjega li b'xi mod, ghadda u ntefa' quddiem ommu. Huwa cahad li xejjer xi daqqa lil Rita Bonnici.

**Marcelle Abela** xehdet fejn qalet li hija kellha nuccali tal-vizta meta sehh l-incident. Hija spjegat li dakinhar tal-incident, hija kienet qed issuq flimkien ma' binha, u kienet qed tipprova ssib fejn tipparkja. Spjegat li kien hemm Joseph Zammit qieghed jirriversja biex jipparkja. Spjegat li hija rat lis-sewwieq johrog idejh u jxejjirha 'il fuq u 'l isfel. Spjegat li hija nizzlet il-hgiega tat-tieqa ghax hasbet li kellu xi *puncture*, izda dan beda jghidilha m'intix tarah lit-tifel. Spjegat li hija wiegbet fis-sens li huwa kien responabbli ghal dak it-tifel. Spjegat li harget mill-karozza Rita Bonnici, u dahlet mit-tieqa, u bdiet tghidilha dwar kif ma ceditlux it-tifel. Spjegat li safrattant, nizlet ommha mill-karozza, u tat daqqa ta' ponn mal-hgiega ta' wara tal-passiggier. Qalet li kien ghalhekk li hija nizlet biex tara jekk il-hgiega nkisritx, u x'hin staqsietha ghalfejn ghamlet hekk, Francesca Zammit lwitilha subghajha, u kisritilha dufrejha, kif ukoll tajritilha n-nuccali li kellha. Spjegat li Rita Bonnici u Francesca Zammit daru ghaliha u bdew jimbuttawha. Spjegat li fil-pront, johrog it-tifel u gie barriera quddiemha, jigifieri wiccu ma' wiccha. Spjegat li hija ppruvat timbuttahom b'idejha, waqt li binha baqa' jaqla' ma' dahru.

Xehdet li mbaghad, Joseph Zammit kompla jaghti fuq dahar u fuq ghonq binha. Safrattant hareg guvott u hataf lil binha minn ghonqu. Spjega li mbaghad, wara ftit ikkalmat is-sitwazzjoni. Spjegat li hija bdiet tfittex in-nuccali u c-cwievet. Spjegat li t-tifel ircieva telefonata, u nstema' jghid li l-avukat ma kienx ser jigi llum. Qalet li x'hin sema' dan, Joseph Zammit hebb ghal Johnaton Abela, u beda jghidlu tpattiha tpattiha. Qalet li kien il-guvnott li rtira lin-nannuh lura. Spjegat li gew il-Pulizija, u Rita Bonnici kienet qalet li kien hemm daqqa fuq il-karozza ta' missierha.

Hija cahdet li huma resqu lejn il-karozza taghhom. Spjegat li l-Pulizija kien qalilha lil Rita Bonnici, li dik id-daqqa ma kinitx saret issa.

In kontroezami, hija spjegat li hija kellha *keychain* kbira biex issibha mill-ewwel. Hija spjegat li jidhrilha li l-karozza kienet tfietha.

**Ikkunsidrat;**

Din il-qorti fliet il-provi mressqa, inkluz Dok EJ1, konsistenti f'sensiela ta' filmati qosra, li fih kien jinstema' xi kliem li gie skambjat waqt dan l-incident, ghalkemm l-incident per se, ma huwiex vizibbli, peress li jidher li sehh *out of shot* tal-kamera li gibdet dawn il-filmati. Fliet ukoll id-dokumenti ezebiti.

Il-Qorti tqies li x-xhieda kollha mismugha, hlief ghal dik ta' WPS 161 u ta' Marcelle Abela, kienu kollha akkuzati. WPS 161 mill-banda l-ohra, irrelatat biss il-verzjonijiet li giet moghtija, u ma kinitx prezenti waqt li kien qed issehh l-allegata glieda. Dan jammonta biss ghal '*hearsay evidence*' u konsegwentament, mhux provi ammissibbli fil-konfront tal-imputat. Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza tal-Qorti Kriminali ta' nhar it-28 ta' Marzu, 2014, fl-ismijiet 'Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella et.', fejn dwar dan il-punt il-Qorti qalet:

> *"F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubbklika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:" 'Fil-limiti tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorrenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri)"*

Dwar imbaghad ix-xhieda moghtija minn Eric James Bonnici, Joseph Zammit, Johnathon Abela, Rita Bonnici u Francesca Zammit, u cioè minn dawn il-persuni li huma lkoll akkuzati in konnessjoni ma' din l-istess glieda, u li l-istess kaz ghadu mhux deciz, ghandha ssir referenza ghal dak li ntqal minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet, Il-Pulizija (Spettur Jeffrey Scicluna,Spettur Priscilla Caruana Lee) vs Omissis, Anthony Galea, fil-25 ta' Marzu 2019:

> *"Id-difiza tal-imputat sostniet li l-istqarrija tal-ko-imputat ma hiex ammissibbli bħala prova f'din il-kawża. L-artikolu 658 huwa pjuttost ċar fir-regoli li jistabbilixxi dwar meta u fejn stqarrija ta' ko-akkużat hija ammissibbli bħala prova favur jew kontra ko-akkużat ieħor, u f'liema kontest ko-akkużat jista' jixhed fil-konfront ta' ko-akkużat ieħor.*
>
> *Dak enunċjat fl-Artikolu 636(a) u (b) tal-Kodiċi Kriminali, u anke minn ġurisprudenza tal-Qrati tagħna juru fejn ix-xhieda tal-ko-akkużat ma tikkostitwixxi ebda prova, la kontra u lanqas favur l-akkużat jew lakkużati l-oħra, u b'hekk mhux ammissibbli bħala tali.*
>
> *Din ir-regola hija desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi lparagrafu (b) tal-artikolu 636, fis-sens li l-ko-akkużat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkużat, biss wara illi l-każ fil-konfront tiegħu ikun ġie definittavament deċiż. Fil-kaz odjern, il-kaz kontra l-koakkuzat Gilbert Galea ghadhu mhux deciz.*
>
> *Id-difiza ssostni li hawn tapplika r-regola indikata, u b'hekk dak kollu li qal il-ko-imputat mhux ammissibbi fil-konfront ta' xulxin.*
>
> *Il-Qrati tagħna kellhom l-opportunità li jippronunzjaw ruħhom fuq dan il-prinċipju f'diversi każijiet fosthom Sua Maesta r-Re vs Carmeo Cutajar ed altri,. Qorti Kriminali 18 ta' Jannar, 1927; Il-Pulizija vs Toni Pisani Appell Kriminali 11 ta' Novembru, 1944; Il-Maesta tiegħu r-Re vs Karmenu Vella, Qorti Kriminali 3 ta' Dicembru, 1947; The Police vs Alfred W. Luck et, Appell Kriminali 25 ta' April, 1949; Ir-Repubblika ta' Malta vs Faustino Barbara, Appell Kriminali 19 ta' Jannar, 1996; IlPulizija vs Nasher Eshtewi Be Hag et, Appell Kriminali 2 ta' Frar, 1996; Il-Pulizija vs Carmelo Camilleri u Theresa Agius, Appell Kriminali 11 ta' Lulju, 1997, u r-Repubblika ta' malta vs Domenic Zammit et Appell Kriminali 31 ta' Lulju, 1998, Ir-*

*Repubblika ta' Malta vs Ian Farrugia, Qorti Kriminali Digriet Datat 22 ta' Dicembru, 1998.*

*Din ir-regola giet interpretata u estiza mill-gurisprudenza biex anki tkopri kazijiet fejn persuni li jkunu akkuzati bl-istess reat imma fi procedure separati ma jkunux meqjusa bhala xhieda kompetenti u producibbli kontro ko-akkuzati jew ko-imputati ohrajn, hlief meta l-process tax-xhud ikun gie deciz definittivament.*

*Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Omissis u Saada Sammut" spjegat li:*

*"Hekk di fatti kien gie ritenut mill-Qorti Kriminali b'Digriet tat-22 ta' Dicembru, 1998 fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia". Dik il-Qorti, f'dak id-Digriet, wara li ghamlet riferenza ghall- gurisprudenzahemm citata, rriteniet li persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala koawtur,bl-istess reat migjub kontra dak l-akkuzat liehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat liehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b' mod li jkun hemm "koakkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu l-argument "a contrario sensu" li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement dik il-Qorti kienet iddecidiet li dak ix-xhud li kien akkuzat bhala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkuzat kien jinsab akkuzat, ma hux kompetenti li jixhed, qabel ma l-kaz tieghu jghaddi in gudikat. (Ara ukoll fl-istess sens Digriet tal-Qorti Kriminali fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Vella" [4.2.2004] u ohrajn.) L-unika eccezzjoni ghal dir-regola hi proprju dik kontenuta fl-art. 636 (b) li tirrendi tali xhud kompetenti biex jixhed ghalkemm ikun imputat tal-istess reat li fuqu tkun mehtiega x-xhieda tieghu, meta l-Gvern ikun weghdu jew tah l-impunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed."*

*Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghad-digriet imsemmi fid-decizjoni appena kwotata liema digriet inghata fit-22 ta'*

*Dicembru 1998 fil-kawza "Ir-Repubbblika ta' Malta vs. Ian Farrugia", fejn il-Qorti Kriminali qalet hekk:*

*"Il-gurisprudenza hi cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, blistess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi procedure separat.*

*Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-segwenti decizjonijiet:*

*R. v. Filippo Pace, Qorti Kriminali, 14/11/1890, Kollezz. Deciz. XII.531l; P. v. Toni Pisani App. Krim., 11/11/1944, Kollezz. Deciz. XXXII.iv.792; R. v. Karmnu Vella, Qorti Kriminali, 3/12/47, Kollezz. Deciz. XXXIII.iv.547; P. v. Alfred W. Luck et., App. Krim., 25/4/1949, Kollezz. Deciz. XXXIII.iv.870, u Rep. v. Domenic Zammit et, Qorti Kriminali, 15/12/1997 kif integrate bid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali l-istess ismijiet tal-31/7/1998.*

*Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Zammit et."stqarret li:*

*"Kwantu ghal dawk ix-xhieda li qed jintalbu mill-ko-akkuzati, il-gurisprudenza, ibbazata kemm fuq il-ligi kif ukoll fuq ilbuon sens, hi cara. Persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik ilpersuna tkun akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkuzat" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun giet akkuzata fi proceduri separati. Fi kliem ilkompjant Imhallef William Harding:*

*"Maltese law, in fact, in section 632, Chapter 12 (Illum 636; Kap. 9), considers as incompetent to give evidence (except of course, on his own behalf) anyone charged with the same*

*offence in respect of which his deposition is required, unless the proceedings against him are put an end to. Maltese law does not make any distinction as to whether the evidence of the codefendant is required by the prosecution or by another defendant.""*

*Il-Qorti taghmel referenza għad-digriet datat 4 ta' Frar, 2004, fl-ismijiet irRepubblika ta' Malta vs Brian Vella. Permezz ta' dan id-digriet, il-Qorti Kriminali ordnat illi l-ġuri ta' Brian Vella jiġi xolt, u dan a bażi tal-fatt illi x-xhud Domenic Bonnici, illi kien akkużat bl-istess reati bħall-akkużat, kien għadu ma għaddiex proċeduri, u għalhekk mhux xhud ammissibbli, kontra jew favur l-akkużat ai termini tal-Kodiċi Kriminali:*

*"persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala koawtur, bl-istess reat migjub kontra l-akkuzat l-iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik ilpersuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor b'mod li jkun hemm ko-akkuzati fil-veru sens tal-kelma u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati'.*

*Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Carmelo Camilleri u Theresa Agius tal-Imħallef Vincent DeGaetano tal-11 ta' Lulju, 1997:*

*"Hu prinċipju elementari tad-dritt ta' proċedura penali tagħna li dak li jistqarr ko-akkużat, sia jekk bil-fomm biss u sia jekk bil-miktub, ma jagħmilx prova la favur u anqas kontra ko-akkużat ieħor. Dan ilprinċipju jitnissel kemm mill-Artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll mill-Artikolu 636 (b) tal-imsemmi Kodiċi. Infatti lġurisprudenza tagħna rrikonoxxiet ukoll l-inammissibilità tax-xhieda tal-ko-akkużat kemm-il darba l-każ tiegħu ma jkunx ġie definittivament konkluż".*

*Il-Qorti tfakkar f'Artikolu 661 tal-Kodici Kriminali fejn hemm imnizzel li "Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra."*

F'dan l-isfond, u fid-dawl tal-fatt li dawn ix-xhieda kollha, u cioè, Eric James Bonnici, Joseph Zammit, Johnathon Abela, Rita Bonnici u Francesca Zammit, huma kollha akkuzati fi proceduri quddiem dina l-Qorti, dak kollu li xehdu, kemm favor, kif ukoll kontra l-imputat, ma jista' qatt jitqies li jaghmel prova ammissibbli kontra l-istess imputat.

Din il-Qorti ghalhekk, tista' biss tqis ix-xhieda ta' Marcelle Abela. Certament ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. (Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9).

Madanakollu, il-Qorti tinnota li a bazi tal-provi prodotti, u dan anke minhabba l-fatti spjegati aktar 'l fuq, il-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet addebitati lill-imputat. Il-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi, u cjoè dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-Prosekuzzjoni ma ppruvatx iI-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali ghal dak li ghandu x' jaqsam mal-ewwel zewg imputazzjonijiet. U dana anke meta tqies il-verzjoni tal-fatti, hekk kif moghtija minn Marcelle Abela, viva voce, quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Apparti minn dak kollu fuq espost, din il-Qorti ghandha tissottolinja wkoll is-segwenti nuqqasijiet fil-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni. Dwar l-ewwel imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni naqset li tezebixxi affidavit tat-tabib li rrilaxxa c-certifikat mediku ezebit. Dwar it-tieni imputazzjoni, ma tressqux provi dwar l-allegata hsara, u l-istima li giet ipprovduta, certament mhijiex l-ahjar prova li kellha tressaq il-Prosekuzzjoni. La gew imressqa affidavits jew provi ohra dwar l-allegati hsarat u l-istejjem ezebiti, lanqas ma tressqu bhala xhieda, il-persuni li allegatament irrilaxxaw tali stejjem. Dwar imbaghad il-filmati ezebiti, din il-Qorti tqies li dawn gew ezebiti mil-legali tal-familja Zammit u Bonnici, u ghalhekk mil-legali tal-akkuzati l-ohra fi proceduri ohra li mxew ma' din odjerna, u ghalhekk tali v*ideo*, ma jistax jigi meqjus bhala prova ammissibbli.

Dwar it-tielet imputazzjoni, din il-Qorti regghet qieset dak li xehdet Marcelle Abela, partikolarment fejn din xehdet li kien hemm ghajjat, u li dan l-incident sehh fit-triq.

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet, Il-Pulizija versus Maria Concetta Green, deciza fid-19 ta' Novembru 1999; Volum LXXXIII.iv.441, fejn intqal:

> *"L-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali jikkontempla r-reat komunement imsejjaħ breach of the peace'. L-elementi ta' dan ir-reat gew ezaminati funditus f'diversi sentenzi u gie ritenut li, bhala regola, ikun hemm din il-kontravenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghamil isehh inissel imqar minimu ta' nkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghamil jew minhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.*
>
> *L-iskambju ta' kliem, anke jekk ingurjuz jew minaccjuz fih innifsu u minghajr ma jkun hemm xejn aktar x'jindika li dak l-argument jista' jizviluppa fih, jew iwassal ghal, xi haga ohra u aktar serja (bhal glied bl-idejn jew hsara fil-propjeta') ma jammontax ghall-breach of the peace fis-sens tal-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali.*

F' Il-Pulizija vs. Noel Tanti, deciza mill-Qorti tal-Appell, fil-5 ta' Mejju 2005, intqal:

> *Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alfred Pisani" [5.5.1995] irreat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil- "common law" Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace." Bhala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f' mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumità fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumità ta' proprjeta' , kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minnhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.*
>
> *Fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. Paul Busuttil" [23.6.1994] umbaghad gie ritenut li din l-ekwiparazzjoni ta' dan ir-reat mal-kuncett Ingliz ta' "breach of the peace" tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f' kawza*

*deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890 , fl-ismijiet : "Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et." kien qal hekk :-*

*"Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza , o nella opinione ferma della sicurezza sociale , - - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all' autorita' pubblica , sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica , o della sicurezza individuale , e' violazione dell' ordine pubblico , independentemente dalla perpetrazione di altro reato." (Kollez. Vol. XVII, p.47, 475).*

*Fl-istess sentenza ta' Paul Busuttil gew citati b'approvazzjoni McCall Smith u Sheldon li, filktieb taghhom "Scots Criminal Law" (Edin. Butterworths, 1992) , jghidu :-*

*"The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by the Courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be "alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace". Alarm may now be too strong a term : in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused "concern" on the part of policemen at whom it was directed." (p.192) u dik il-Qorti ziedet tghid li :-*

*"Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x' jammonta jew x' ma jammontax f' kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz , Gerald H. Gordon , fit-test awtorevoli tieghu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh, 1978):*

*"Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact*

*depending on the circumstances of each case , and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application." (p.985,para.41- 01).*

*U aktar 'l quddiem l-istess awtur jghid :-*

*"…although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance ." (p.986, para. 41-04).*

*Ikkonsidrat;*

*Issa li kieku kellu jirrizulta li fit-triq barra l-ghassa kien hemm xi diverbju "a voce alta" li seta' gibed l-attenzjoni tan-nies jew li seta' holoq certa apprensjoni fost dawk li kienu vicin, wiehed jifhem li setghet talvolta tirrizulta l-kontravvenzjoni in dizamina. Pero' fl-istat tal-provi fejn kull ma hemm hija d-depozizzjoni ta' mart l-appellant kontradetta mic-cahda tal-istess appellant dwar jekk hu ghajjatx jew le meta kien qal il-kliem in kwistjoni, din il-Qorti thoss li din il-kontravvenzjoni ma gietx sufficjentement pruvata, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz."*

Mix-xhieda moghtija minn Marcelle Abela, din l-imputazzjoni lanqas ma rrizultat ippruvatha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli.

**Decide**

**Ghaldaqstant, din l-Onorabbli Qorti qed tillibera lill-imputat, Johnaton Abela, mill-imputazzjonijiet kollha mressqa fil-konfront tieghu.**

**Magistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Registratur**